MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2014

Avviz Numru. 351/2012

**Roger Satariano & Sons Limited**

**Vs**

**Direttur ghas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta Roger Satariano & Sons Limited fejn esponiet:

Illi s-socjeta' esponenti giet notifikata b'ittra Ufficjali numru 2488/2012 fl-ismijiet inversi li kienet gietipprezentata mid-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni fl-24 ta' Settembru, 2012 (Dok. "I");

Illi permezz ta' l-imsemmija Ittra Ufficjali s-socjeta' rikorrenti giet formalment notifikata bl-hemm annessa dikjarazzjoni guramentata markata Dok. "A" u giet ukoll

interpellata biex fi zmien jumejn thallas is-somma ta’ erba’ mija u seba’ euro u sitta u tletin cent (€407.36) allegatament dovuta bhala hlas f’arretrati tal-licenzja WT/0101/1990;

Illi l-precitata pretensjoni tad-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni dedotta permezz tal-fuq imsemmija ittra ufficjali u dikjarazzjoni guramentata hija bbazata fuq suppozzizzjonijiet u konsiderazzjonijiet li huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fi dritt u ghalhekk ma’ jikkonkorrux ic-cirkostanzi li huma necessarji skont il-ligi biex jintitolaw lill-imsemmi Direttur ghas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni sabiex juzufruwixxi mill-procedura elenkata fl-artikolu 466 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta) u ghalhekk kemm l-imsemmija ittra ufficjali kif ukoll id-dikjarazzjoni maghha annessa huma illegali u nulli, u dana kif ser jigi spjegat u ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni ta’ dan ir-rikors;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi u ghal dawk li ser jingiebu waqt it-trattazzjoni ta’ dan ir-rikors l-istess socjeta’ esponenti umilment titlob li din il-Qorti joghgobha a tenur tal-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna li l-Ittra Ufficjali numru 2488/12 fl-ismijiet inverse li kienet giet pprezentata mid-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni fl-24 ta’ Settembru, 2012 (Dok. “I”) u l’hemm annessa dikjarazzjoni guramentata markata bhala Dok “A” ghall-hlas ta’ erba’ mija u seba’ euro u sitta u tletin cent (€407.36) allegatament dovuta bhala hlas f’arretrati tal-licenzja WT/0104/1990 huma infondati, infondati fil-fatt u fid-dritt u nulli ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi fil-konfront tas-socjeta’ rikorrenti u ghalhekk mhux ezegwibbli, salv dawk il-provvedimenti li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni;

Bl-ispejjez kontra d-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni.

Rat ir-risposta tad-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni fejn espona bir-rispett:

Illi permezz ta' rikors datat 19 ta' Ottubru, 2012 is-socjeta' rikorrenti qieghda titlob lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara t-talba tal-esponent ghall-hlas tas-somma ta' erba' mija u seba' euro u sitta u tletin centezmu (€407.36) –Dok A u li saret fil-konfront taghha u li hija dovuta bhala hlas f'arretrati tal-licenzja WT/0104/1990 bhala wahda infondata fil-fatt u fid-dritt u nulla ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Illi l-precitata pretensjoni tad-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni dedotta permezz tal-ittra ufficjali numru 2488/12 u dikjarazzjoni guramentata ma' humiex bazati fuq suppozizzjonijiet u konsiderazzjonijiet li huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt kif allegat mis-socjeta' rikorrenti, liema suppozizzjonijiet u konsiderazzjonijiet ma' humiex spjegati fl-imsemmi rikors tas-socjeta' u ghalhekk l-esponent jirriserva d-dritt li jwiegeb fid-dettall dwarhom;

Illi d-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi intavola l-azzjoni taht l-artikolu 466 tal-Kap 12 bil-ghan li jigbor flejjes dovuti lill-Gvern ta' Malta u jagixxi bis-sahha ta' Att XII 2010 li ghalkemm hassar l-Att dwar ir-Radjokomunikazzjoni Kap 49 (Fl-2010), zamm ukoll in vigore certi aspetti tal-Att li fost l-ohrajn f'artikolu 2(3) jghid li "minkejja d-dispozizzjonijiet l-ohra ta' dan l-artikolu, l-Att dwar ir-Radjokomunikazzjoni ghandu jibqa' fis-sehh ghall-fini ta' kull procediment mibdi jew li ghad irid jinbeda dwar kull ksur ta' dak l-Att jew ta' kull regolament maghmulin tahtu meta jidhol fis-sehh dan l-artikolu".

Ghaldaqstant u fid-dawl tas-suespost l-esponent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tikkonferma t-talba tal-esponent fl-ittra ufficjali 2488/12 ghall-hlas tas-somma ta' erba' mija u seba' ewro u sitta u tletin centezmu (€407.36) u tichad il-bqija tat-talbiet tas-socjeta' rikorrenti bl-ispejjez.

Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha ipprezentati;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal din il-vertenza huma s-segwenti:

1. Is-socjeta' rikorrenti Roger Satariano & Sons Ltd kienet applikat ghal licenzja tal-portable telephones (WT/0104/1990) sabiex is-socjeta' rikorrenti tkun tista' tikkomunika mat-truck driver. Il-licenzja inharget fit-2 ta' Awwissu 1993.[1]
2. Il-licenzja msemmija ghalqet fit-30 ta' Gunju 2006, stante li s-socjeta rikorrenti hallset l-ahhar kont ghat-tigdid tal-licenzja mahrug fis-16 ta' Awissu 2005.[2]
3. Illi fis-26 ta' Ottubru 2011 l-intimat baghat avviz tal-ahhar lis-socjeta' rikorrenti sabiex is-somma ta' €407.36 tal-licenzja msemmija tithallas fi zmien 30 gurnata – liema somma kienet tkopri z-zmien mis-sena 2006 sas-sena 2011.
4. Illi peress is-socjeta' rikorrenti baqghet inadempjenti, fl-24 ta' Settembru 2012 baghat lis-socjeta rikorrenti, ittra ufficjali ghall-fini tal-Artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili sabiex tigi mhallsa s-somma f'arretrati ta' €407.36.
5. Illi s-socjeta' rikorrenti qed tikkontesta l-ammont pretiz mill-intimat permezz ta' dawn il-proceduri.

**Konsiderazzjonijiet Legali**

*Eccezzjoni tal-Preskrizzjoni*

[1] Ara Dok A a fol. 13 tal-process u xhieda ta' Anna Stanley a fol. 18 tal-process.
[2] Ara Dok A a fol.13 *et seq.* tal-process.

Fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2013,[3] waqt it-trattazzjoni s-socjeta' rikorrenti qajjmet il-punt ulterjuri ta' preskrizzjoni ta' hames snin taht l-Artikolu 2156 (e), (f) u (g) tal-Kodici Civili. L-Artikolu 2156 jippreskrivi illi : *« L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*
*… …*
*(e) l-azzjonijiet għar-radd ta' flus mogħtija b'self, jekk is-self ma jirriżultax minn att pubbliku;*
*(f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;*
*(g) salv kif provdut f'xi liġi speċjali, l-azzjonijiet tal-Gvern ta' Malta, għall-ħlas ta' drittijiet ġudizzjarji, dazji jew taxxi oħra. »*

L-Artikolu 2156 (e) tal-Kodici Civili ma hux applikabbli ghal kaz odjern, peress li dan is-sub-artikolu jirreferi ghal radd ta' flus li gew mghoddija b'self.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Direttur tat-Telegrafija Minghajr Fili vs Joseph Falzon** deciza fit-23 ta' April 2008, din il-Qorti (diversament preseduta)[4] irriteniet hekk fir-rigward tal-preskrizzjoni applikabbli ghal azzjonijiet tal-Gvern ghall-hlas ta' drittijiet gudizzjarju dazji jew taxxi ohra ("dues") : *«Certament il-hlas tal-licenzja u penali f'kaz bhal dak in esami ma jistax jigi kunsiderat, legalment, bhala taxxa dovuta lill-gvern izda, kif korrettament issottometta l-intimat, bhala hlas dovut lill-Gvern ghal servizz moghti lir-rikorrenti inkonnessjoni ma' uzu ta' frekwenzi…u fil-fatt tiddikjara li din l-azzjoni hi preskritta bil-perjodu ta' hames (5) snin specifikat fl-artikolu 2156(f)...»*

Din il-Qorti taqbel ma' din il-konkluzjoni, u ghalhekk l-Artikolu 2156 (g) mhux applikabbli ghal kaz in ezami, imma huwa l-Artikolu 2156 (f) huwa applikabbli ghal kaz in ezamini.

[3] Ara fol. 22 tal-process.
[4] *Per* Magistrat Dott. Joseph A. Apap Bologna.

Fil-fatt dan lanqas ma huwa kontestat mill-intimat, u fit-trattazzjoni finali quddiem din il-Qorti, Dottor Francelle Saliba ghall-intimat ghamlet riduzzjoni fl-ammont pretiz minhabba l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta' rikorrenti u ssottomettiet li l-ammont pretiz huwa ta' tlett mija u seba' u tletin Euro u tmienja u erbghin centezmu (€337.48), li huwa l-ammont li skont l-intimat huwa dovut ghall-ahhar hames snin.[5] Pero l-intimat ma intavola l-ebda nota ta' riduzzjoni, u ghalhekk l-eccezzjoni jkollha tigi deciza minn din il-Qorti.

Ghaldaqstant, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili qieghda tigi milqugha ghar-rigward dik il-parti tas-somma pretiza mill-intimat illi teccedi l-hames snin.

*Il-Meritu*

Is-socjeta rikorrenti qieghda tibbaza l-kontestazzjoni taghha fuq ix-xhieda ta' Anna Stanley, direttur tas-socjeta' rikorrenti, li xehdet li is-socjeta' rikorrenti kienet infurmat bil-miktub lid-Dipartiment madwar is-sena 1998 li s-socjeta' rikorrenti ma kelliex iktar bzonn il-licenzja.[6] Dan ghaliex meta beda jintuza it-telefon cellulari ma kellhix aktar bzonn ta' *portable telephones.* Pero ix-xhud ammettiet li ma setghetx issib kopja ta' din l-ittra. Inoltre ix-xhud qalet ukoll li ma tafx x'sar mill-apparat, skont hi *"jew tajnieh jew inkella armejnieh."* Mistoqsija ghaliex is-socjeta rikorrenti damet thallas il-licenzja sal-2003 – effettivament 2005 – kif jidher minn Dok A a fol 13 tal-process, ix-xhud Anna Stanley wiegbet li dan kien zball minn xi wahda mill-impjegati tas-socjeta rikorrenti, li hallset il-kont mill-ewwel minghajr verifiki.

---

[5] Ara fol. 30 tal-process.
[6] Ara xhieda ta' Ann Stanley a fol. 18 tal-process.

Ivan Borg prodott mill-intimat xehed illi *«Min kellu licenzja ta' wireless u ried jikkancellaha, ried bil-fors jiktibilna u din bhala parti mill-kundizzjonijiet tal-licenzja.»*[7] Imma s-Sur Borg zied jghid, *« In oltre l-apparat in kwistjoni jingab lid-Dipartiment. Jibghat applikazzjoni wkoll sabiex jawtorizza lilna, sabiex jew jissigilla l-apparat jew inkella l-apparat jitkisser. »*[8]

L-abbli difensur tas-socjeta rikorrenti issottometta illi l-intimat ma gabx l-ahjar prova dwar il-mod kif il-licenzja kellha tigi kancellata, ghax l-unika prova li gab kienet ix-xhieda ta' rapprezentant tal-*Malta Communications Authority*. Din il-Qorti ma taqbilx ma din is-sottomissjoni. L-intimat gab prova li nharget il-licenzja u t-tigdid taghha baqa' jithallas regolarment sal-2005. L-oneru tal-prova li din il-licenzja giet kancellata circa l-1998 kien jinkombi fuq is-socjeta rikorrenti ghax hi qed tallegaha. Huwa vera li Anna Stanley xehdet li kienet intbaghtet ittra lill-intimat biex tigi kancellata l-licenzja pero kopja ta' din l-ittra qatt ma giet ezebita. Di piu jirrizulta li minkejja li skont is-socjeta attrici l-licenzja giet kancellata fl-1998, hija baqghet thallas it-tigdid taghha sal-2005. Huwa irrelevanti jekk dan sarx bi zball kif tallega x-xhud Anna Stanley, ghax jekk dan huwa vera, dan juri biss kemm is-socjeta attrici kienet traskurata.

Anke jekk ghall-grazzja tal-argument, din il-Qorti kellha taccetta bhala fatt pruvat li fl-1998, is-socjeta attrici baghtet l-ittra ta' kancellament, il-fatt li l-intimat baqa' jibghat kull sena talbiet ghal hlas kien indikazzjoni cara lis-socjeta rikorrenti li jew l-ittra taghha ma waslitx ghand l-intimat, jew jekk waslet, ghal xi raguni kienet qed tigi injorata, u l-licenzja kienet ghada ma gietx kancellata Kien l-obbligu tas-socjeta rikorrenti li tindaga ghaliex l-intimat kien qed ikompli jitlob il-hlasijiet, u mhux tinjora dawn it-talbiet u ma taghmel xejn. Kien fl-interess tas-socjeta rikorrenti li tassigura ruhha li l-licenzja giet effettivament kancellata. Minn dan kollu s-socjeta attrici ma ghamlet xejn, u ghalhekk hija baqghet responsabbli ghall-hlas tal-

[7] Ara fol. 20 tal-process.
[8] Ara fol. 20 tal-process.

arretrati tal-hlas tal-licenzja, li ma gewx preskritti kif fuq inghad, sakemm din il-licenzja giet revokata fit-3 ta' Jannar 2012.[9]

Kif fuq inghad, l-ammont pretiz mill-intimat li ma hux preskritt, cioe mill-2007 sal-2011 jammonta ghal tlett mija u seba' u tletin Euro u tmienja u erbghin centezmu (€337.48). Pero dan l-ammont jirraprezenta in kwantu ghas-somma ta' mitejn u wiehed u disghin Euro u tlett centezmi (€291.03) arretrati tal-hlas tal-licenzja u l-ammont ta' sitta u erbghin Euro u hamsa u erbghin centezmu (€46.45) penali amministrattiva.[10] Fis-sentenza fl-ismijiet, **Id-Direttur tas-Servizzi Korporattivi vs Sovereign Hotels Limited**, deciza fit-18 ta' Ottubru 2013, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[11] gie ritenut li la l-Kapitolu 399 u lanqas l-Avvizi Legali li hargu bis-sahha tieghu, u senjatament ir-regolament 4 tal-Avviz Legali 399.37[12] ma hemm xejn x'jindika li f'kaz li ma ssirx il-hlas tal-licenzja fil-hin propizju allura ghandha tigi iffissata xi penali amminsitrattiva. Dan ir-regolament 4 tal-Avviz Legali 399.37 jippreskrivi illi :

*« (1) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 31 ta' l-Att u tar-regolament 3, l-ebda azzjoni ma ghandha tittiehed kontra persuna illi, ghax kellha licenza tar-radjukomunkazzjoni u tkun naqset li thallas id-dritt dovut ghat-tigdid taghha, thallas fi zmien tletin jum mill-eghluq ta' dik il-licenza jew sa dak il-perjodu itwal li l-Ministru jista' jippermetti il-hlas tal-licenza dovut ghat-tigdid tal-licenza.*

*(2) Ma ghandha tittiehed ebda azzjoni jekk, wara li jiskadi dak il-perjodu ta' tletin jum jew dak il-perjodu itwal li l-Ministru jista' jippermetti, dik il-persuna thallas fl-ufficcju skont ma jigi ndikat f'talba li ssirilha, fi zmien sebat ijiem minn meta tkun saritilha dik it-talba bil-miktub, penali ta' hdax-il Euro u sittin centezmu (11.60) b'zieda mad-dritt dovut ghat-tigdid ta' dik il-licenzja. »*

[9] Ara Dok A a fol. 13 tal-process.
[10] Ara Dok A a fol. 13 *et seq.* tal-process.
[11] *Per* Onor. Imhallef Gino Camilleri.
[12] Regolamenti dwar ir-Radjokomunikazzjoni (Proceduri dwar Penali u Ftehim Volontarju ta' Tilwimiet).

Fis-sentenza fuq citata, il-Qorti ta' l-Appell irriteniet illi l-interpretazzjoni korretta ta' dan ir-regolament hija li l-imsemmija penali hi applikabbli biss meta ikun sar ftehim volontarju dwar xi tilwima bejn l-intimat u xi licenzjat. Ghaldaqstant *« Jekk il-licenzjat jibqa' ma jhallasx id-dritt tal-licenzja, d-direttur ikun jista' jiehu l-azzjoni ulterjuri li tippermettilu l-ligi, pero ma jistghax jitlob ukoll il-hlas tal-penali. »* Konsegwentement, fil-kaz odjern, l-intimat m'ghandu l-ebda dritt li jimponi penali.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tirriduci t-talba dovuta mill-intimat fl-ammont ta' mitejn u wiehed u disghin Euro u tlett centezmi (€291.03) rapprezentanti l-hlas tal-licenzja ghal hames snin, u konsegwentement torda li l-ittra ufficcjali numru 2488/2012 tibqa' ezekuttiva fl-ammont ridott ta' mitejn u wiehed u disghin Euro u tlett centezmi (€291.03).

Il-Qorti tikkundanna lis-socjeta rikorrenti thallas tlett kwarti mill-ispejjez, waqt li r-rimanenti kwart jithallas mill-intimat, u dan ghaliex l-intimat messu kien jaf qabel ma ipprezenta l-ittra ufficjali tieghu tal-24 ta' Settembru 2012 li l-ammont kollu mitlub f'dik l-ittra ma kienx kollu dovut stante preskrizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------